MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PETER BORG COSTANZI**

Seduta ta' l-1 ta' Lulju, 2005

Talba Numru. 1777/2004

**Fogg Insurance Agencies Limited (C-597) ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera Norwich Union International Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Vincent Galea abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-Ligi u l-istess Vincent Galea [356856(M)]**

**Vs**

**Antoine Baldacchino**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li bih l-atturi talbu li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' mitejn u erbgha u ghoxrin lira Maltin u hamsa u hamsin centezmu (Lm224.55c)

rapprezentanti danni sofferti b'rizultat ta' kollizjoni li sehhet fit-8 ta' Novembru, 2002 ghall-habta tas-1.30p.m gewwa Birkirkara bejn il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni HAU 376 proprjeta' ta' l-attur Vincent Galea u l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni DAB 557 misjuqa mill-konvenut.

Ra r-Risposta tal-konvenut li biha wiegeb illi t-talbiet ta' l-atturi kif diretti kontra l-eccipjenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom billi l-incident in kwistjoni ma garax tort ta' l-eccipjenti pero' tort ta' Maria Dolores Galea sewwieqa tal-vettura HAU 376.

Sema' x-xhieda ta' Maria Dolores Galea, Antoine Baldacchino u ta' Pauline Vassallo.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' t-trattazzjoni ta' Dr Ramona Frendo ghall-atturi u ta' Dr Simon Schembri ghall-konvenut.

Ra d-digriet ta' dan it-Tribunal tas-17 ta' Mejju, 2005 u sema' x-xhieda ulterjuri ta' Maria Dolores Galea u Antoine Baldacchino.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi fil-fatt sehhet kollizjoni bejn il-vettura HAU 376 misjuqa minn Maria Dolores Galea u l-vettura DAB 557 misjuqa minn Antoine Baldacchino. Il-verzjonijiet moghtija minn Antoine Baldacchino u Maria Dolores Galea huma kontrastanti. Il-verzjoni tal-konvenut hija li dakinhar ta' l-incident huwa kien wassal lill-kunjata tieghu Pauline Vassallo l-iSmart Supermarket u wara li baghtitlu messagg li hija kienet lestiet mix-xirja, huwa mar jistenniha fil-*parking area* tas-Smart Supermarket. Wara li harget huma t-tnejn ghabbew il-vettura tieghu, dahlu fil-karozza u kien startja l-magna appik li jimxi bil-quddiem meta habta u sabta giet il-karozza ta' Maria Dolores Galea u dahlet go fihom minn wara.

Maria Dolores Galea ssostni illi dakinhar ta' l-incident hija kienet bl-intenzjoni li tmur tixtri minghand l-iSmart Supermarket. Hija tghid li ndunat li kien hemm karozza li ser tohrog mill-*parking* u kienet qieghda tistenna hemmhekk bejn hames u ghaxar minuti. Sid il-vettura rriversja u baqa' jirriversja ghal fuqha minkejja li hija daqqet il-horn biex tattiralu l-attenzjoni.

Dan il-kunflitt bejn iz-zewg partijiet qam mill-bidu nett tant illi ezatt wara l-incident, meta giet biex timtela l-*Front to Rear Form*, Maria Dolores Galea ma rieditx tiffirma jekk ma jigix imnizzel li Baldacchino rriversja ghal fuqha – haga li Baldacchino ma riedx jaghmel. Kien biss fuq insistenza ta' zewgha li gie wara l-incident li hi accettat li tiffirma.

It-Tribunal kellu l-opportunita' li jisma' z-zewg sewwieqa *viva voce* u qabel ma pproceda ghal din id-decizjoni, ssospenda l-prolazzjoni ta' l-istess sabiex jerga' jismahom u xorta ma setax jaghzel verzjoni minn ohra. Iz-zewg sewwieqa xehdu b'certa affermazzjoni u minghajr tlaqliq. It-tnejn baqghu konsistenti max-xhieda taghhom precedenti u dan minkejja li gew ikkonfrontati seduta stante.

F'azzjonijiet simili hija regola generali li tispetta lil min jallega biex igib il-prova relattiva. L-atturi qieghdin jallegaw li l-konvenut huwa responsabbli ghall-kollizjoni u ghalhekk il-piz tal-prova tispetta lilhom u sakemm dan il-piz ma jinghelibx, il-konvenut m'hu obbligat jipprova xejn.

Illi in vista tal-kunflitt serju fil-provi fejn partikolarment billi t-Tribunal ma jistax jaghzel verzjoni minn ohra, t-Tribunal m'ghandux alternattiva hlief li jasal ghall-konkluzjoni u jghid li l-kawza odjerna ma gietx sodisfacentement ippruvata.

It-Tribunal ma jistax ma jaffermax illi huwa tassew rimarkabbli illi f'kollizjoni tant semplici jkun hemm zewg verzjonijiet daqstant kontrastanti fejn huwa evidenti li wiehed mis-sewwieqa mhux qed jghid il-verita' stante illi verzjoni wahda teskludi l-verzjoni l-ohra. <u>Din hija haga tal-</u>

kuxjenza u ghalhekk min minnhom mhux qed jghid is-sew, se jerfa’ l-piz ta’ tali affermazzjoni fuq il-kuxjenza tieghu/taghha.

Fic-cirkostanzi tal-kaz it-Tribunal jidhirlu li ghandu jkun hemm temperament fuq il-kap ta’ l-ispejjez.

Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt li jichad it-talba ta’ l-atturi billi din ma gietx sodisfacentement ippruvata, jordna li l-ispejjez tal-kawza in vista tac-cirkostanzi partikolari jkunu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------